## Qorti tal-Appell Kriminali

### Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Nru: 43/2021**

**Il-Pulizja**

**Spettur Hubert Gerada**

**Vs**

**Anoar Mohamed Abdolmajeed**

Seduta tal-4 ta' April, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anoar Mohamed Abdolmajeed detentur tal-Passaport ghal strangier Malti bin-numru 9033633, akkuzat talli fis-6 ta' Marzu 2020 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

1. ghen jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta bi ksur tal-ligi dwar id-dhul (Kap.217, Art.32 (1) (a)).
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kellu fil-pussess tieghu dokument mahrug mill-awtorita kompetenti, cioe passaport ghal strangier Malti bin-numru 9030852 mahrug f'isem Alshikh Mohamad u Passaport Portugiz bin-numru N62809

mahrug f'isem Grout Neves Alexander Luis, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircieva dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna ohra (Kap.61, Art.3 (a)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Frar 2021 fejn illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni u sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anoar Mohammed Abolmajeed pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2021, li bih talab lil din il-Qorti **tannulla** s-sentenza u tillibera lill-appellant minn kull htija; jew **tvarja** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellanti tat-tieni imputazzjoni u tikkancellaha f'dik il-parti li sabet htija fl-appellant u konsegwentement tilliberah minn kull htija; u /jew f'kaz li s-sentenza tibqa invarjata, tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant iressaq il-gravam tan-nullita' tal-procedura stante illi huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-

Magistrati b'xilja maghmula mill-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni u s-sentenza kontra tieghu inghatat fl-istess ismijiet meta dan tal-ahhar ma huwiex parti mill-kawza;

2. Illi din il-kwistjoni gia kienet mertu ta' sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fejn kien deciz illi l-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni ma ghandu l-ebda *status* fi proceduri konsimili ghaliex tali proceduri jistghu jitmexxew biss mill-Pulizija Ezekuttiva u huwa inutili li l-istess Ufficcjal kien f'dan il-kaz Pulizija fil-grad ta' Spettur ghaliex hu agixxa fil-kapacita' tieghu ta' Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni u mhux ghan-nom tal-Pulizija Ezekuttiva;

3. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Ufficcjal Prinicpali tal-Imigrazzjoni. Issa ghalkemm matul il-proceduri l-atti juru li tmexxew mill-Pulizija u dan skond il-verbali, l-kawza tressqet mill-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni u s-sentenza inghatat fl-ismijiet Ufficcjal Prinicpali tal-Imigrazzjoni kontra Anoar Mohamed Abdolmajeed;

> *2. Illi il-mertu ta' dan l-aggravju hu identiku ghal dak diskuss fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 t'Ottubru, 2021 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Hamid Afou u omissis u stante li din il-kwistjoni hi wahda ta' ordni pubbliku a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-dak hemm kunsidrat fejn kien ritenut hekk:*
>
> *3. Illi f'dan l-ewwel aggravju, l-appellant jallega illi l-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni ma ghandu l-ebda poter li jagixxi ta' prosekutur la fi kwistjonijiet tal-Imigrazzjoni u wisq anqas fi kwistjonijiet ta' reati bi ksur tal-Kodici Kriminali. Jibda biex jinghad*

*illi l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegeb ghall-allegat ksur ta' xejn anqas minn tlett Kapitoli tal-ligijiet ta' Malta bl-ewwel imputazzjoni tallega ksur tal-artikolu 5 tal-ordinanza dwar il-Passaporti, it-tieni dwar falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falz kif ravvizat fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali u fl-ahhar bi ksur tal-Att Dwar l-Imigrazzjoni Kapitolu 217 tal-ligijiet ta' Malta;*

*4. Issa, l-appellant hu tal-fehma illi l-Kapitolu 217 ma jaghti ebda poter lill-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni li jaghmilha ta' prosekutur fi kwistjonijiet ta' infrazzjoni tieghu. L-istess jinghad dwar it-tmexxija tal-prosekuzzjoni kwantu il-Kapitolu 61 u finalment li l-Kodici Kriminali ma jaghti l-ebda poter lill-dan l-Ufficcjal biex imexxi hu l-prosekuzzjoni;*

*5. Il-Kapitolu 217, l-Att Dwar l-Imigrazzjoni, jipprovdi ghal-hatra ta' Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni li skond l-artikolu 3 subinciz (2) tieghu "L-Uffical Principali tal-Imigrazzjoni jkollu dawk is-setghat u dmirijiet kif jigu moghtija lilu jew imposti fuqu b'dan jew skont dan l-Att jew kif jigi preskritt biex jithaddem dan l-Att. Kwantu l-hatra tal-Ufficcjal Principali, is-subartikolu (1) jipprovdi li dan ghandu jkun nominat mill-Prim Ministru b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern. F'dan l-istadju, l-appellant talab lill-Qorti tissolleva marte proprio l-fatt illi fil-prezent ma hemm l-ebda Ufficjal li jokkupa din il-hatra u talab li jitharrek xhud in sostenn ta' dan tant illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2021 xehed is-Segretarju Permanenti ghall-Ministeru tal-Intern, sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-ligi u qal li permezz ta' Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Settembru, 1970, il-Prim Ministru ta' dakinhar kien innomina lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikun Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni u dik in-nomina ghadha valida sal-lum. Prova ta' dan hija kopja tal-Avviz minnu prezentat u mmarkat bhala KM2;*

*6. Illi inoltre, l-appellant talab ukoll li ssir il-prova li l-Kummissarju tal-Pulizija kien iddelega l-funzjoni tieghu lill-Ufficjal Pubbliku skond dak li jipprovdi l-artikolu 3 subartikolu (3) ta' dan il-Kapitolu:*

***L-Ufficjal Prinicpali tal-Imigrazzjoni jista' jawtorizza mil-miktub lil xi ufficjal pubbliku li jezercita, jew jaqdi f'ismu kwalunkwe setghat (minbarra s-setgha moghtija b'dan is-subartikolu) jew dmirijiet skont dan l-Att jew regolamenti maghmula bis-sahha tieghu.***

*7. L-istess xhud xehed illi fil-fatt hemm delega ghall-dan il-ghan maghmula bil-miktub minn Angelo Gafa' bhala Principal Immigration Officer fit-termini tal-3 (3) u (4) tal-Kapitolu 217 li "**all Police and civilian Immigration Officers stationed at or on temporary attachment at Immigration and International Relations Branch of the Malta Police to exercise and perform on my behalf, all powers and duties vested in me by the aforementioned Act and by any regulations made thereunder**". Dan id-dokument li huwa bla data huwa mmarkat Dok KM1;*

*8. Fis-sottomissjonijiet verbali tieghu l-abbli difensur tal-appellant jillanja illi in-nomina tal-Kummisarju tal-Pulizija lura fis-sena 1970 m'ghadhiex aktar valida ghaliex in-nomina trid tkun wahda ad personam . Il-Qorti tifhem b'dan, illi l-appellant qed jargumenta illi n-nomina li saret lura fis-sena 1970 saret ghall-Kummissarju tal-Pulizija ta' dakinhar u mhux kull Kummissarju tal-Pulizija li jigi warajh ghaliex il-ligi tirrikjedi nomina ta' ufficjal pubbliku qua persuna u mhux kariga jew awtorita'. Jilmenta inoltre mill-fatt illi l-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni hu soggett ghal dak li jista' jordnalu jaghmel il-Ministru responsabbli filwaqt illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex suggett ghall-tali ordnijiet sabiex ikun jista' jagixxi indipendentement fil-funzjoni awtoritarja*

*tieghu. Il-Qorti, izda, ma tistax tinoltra fil-validita' o meno ta' din il-hatra u jekk, ammess li kienet wahda valida lura fis-sena 1970, ghadhiex valida sal-lum bit-tibdil tal-Kummissarji tal-Pulizija minn dakinhar 'l hawn. Din hi kwistjoni li tista' tkun ezaminata minn Qorti ohra izda mhux minn din il-qorti u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aspett;*

*9. Illi l-proceduri odjerni huma istitwiti minn* ***L-Uffficjal Principali ta' l-Imigrazzjoni (L-Ispettur Hubert Gerada kontra omissis u Hamid Afou).*** *Huwa importanti ferm li jinzamm fil-mira illi minkejja li wara li l-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni ressaq lill-imputati b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kull att minn hemm 'l quddiem kien jindika bhala okkju* ***l-Pulizija (Spt Hubert Gerada) vs Nassr Jaber u Hamid Afou.*** *Dan hu indubbjament zbaljat ghaliex il-Pulizija ma pprezentat l-ebda tali proceduri kontra dawn iz-zewg persuni. Jokkorri ghalhekk illi issa jkun skrutinat jekk l-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni ghandux is-setgha li jagixxi bhala prosekutur fit-tmexxija ta' proceduri ghall-allegat ksur tal-Kapitolu 217, 61 u 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*10. Illi minn ezami ta' dawn Il-Kapitoli tal-ligijiet huwa inkonfutabbli li l-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni ma ghandux il-poter li jmexxi hu l-prosekuzzjoni anke jekk jahbat li ghandu l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija. Kwantu l-Kapitoli 217 u 61, anke jekk il-ksur tad-disposizzjoniijiet taghhom jammonta ghar-reat ma tista' ssir ebda prosekuzzjoni kontra imputat jekk mhux mill-Kummissarju tal-Pulizija la darba ma hemmx dan il-vires moghti mill-ligi. Huwa principju assodat illi l-ligi ubi voluit dixit u la darba dan il-vires mhux espressament provdut fil-ligi li hi ligi specjali, allura l-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni ma jistax jagixxi ta' prosekutur f'isem il-Pulizija Ezekuttiva anke jekk ghandu s-setgha tal-arrest tas-*

*suspettat emergenti minn dan l-istess Kapitolu. Dik il-funzjoni irid bilfors ihalliha f'idejn l-awtorita' tal-Pulizija ta' Malta;*

*11. Illi l-artikolu 4 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:*

***4 (1) L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubbblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Ezekuttiva jew tal-Avukat Generali, kif ikun il-kaz, skond il-ligi.***

*Dan ifisser illi meta f'Kapitolu tal-ligijiet ta' Malta, azzjoni jew ommissjoni tkun klassifikata bhala reat, sakemm ma jkunx provdut mod iehor, dak ir-reat ikun prosegwibbli biss mill-Pulizija Ezekuttiva jew mill-Avukat Generali skond il-kaz. Ezempju ta' dan hu dak li hemm provdut fl-artikolu 38(5) tal-Kap 424 li jipprovdi hekk:*

***38(5) kull proċedimenti msemmija fis-subartikolu ta' qabel dan, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kull uffiċjal delegat mill-imsemmi Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, jista' jeżamina jew jikkontro-eżamina x-xhieda, jipproduċi provi, jagħmel sottomissjonijiet biex isostni l-akkuża u b'mod ġenerali jmexxi l-prosekuzzjoni f'isem il-Pulizija, u d-dikjarazzjoni bil-ġurament tal-uffiċjal li huwa ġie hekk delegat għal dak il-għan għandha tkun prova konklużiva ta' dak il-fatt.***

*12. Illi ghalhekk il-mistoqsija, min hu responsabbli mit-tmexxija tal-prosekuzzjoni fil-kwistjonijiet hawn kolpiti f'allegazzjonijiet kontra d-disposizzjonijiet tal-kapitolu 217, 61 u 9 tal-ligijiet ta' Malta hija res ipsa loquitur u daqstant iehor ir-risposta, jigifieri il-Pulizija Ezekuttiva. U f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni li ma kellu l-ebda poter jaghmel dan.*

4. Illi l-istess kunsiderazzjonijiet huma applikabbli f'dan l-appell u ghalhekk, l-appellant ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu u konsegwentement, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra, tilqa' l-ewwel talba, thassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-proceduri kontra l-appellant irriti u nulli u torda l-liberazzjoni immedjata tieghu.